MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1036/2000/1

**Korporazzjoni Enemalta**

**Vs**

**Kalaxlokk Company Limited**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi l-Korporazzjoni attrici kienet bieghet u kkonsenjat “diesel”, zjut u “fuels” ohra fuq diversi talbiet u skond istruzzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta, ghal liema bejgh u konsenja l-istess socjeta’ konvenuta ghad fadlilha thallas bilanc ta’ tmient elef disgha mija u ghaxar Liri Maltin (Lm8,910), kif jidher minn prospett hawn anness u mmarkat bhala Dok “A”.

Premess illi s-socjeta' konvenuta' giet interpellata diversi drabi anke permezz ta' ittra ufficjali datata 17 ta' Novembru, 1998, izda xorta baqghet inadempjenti u ma hallsitx.

Premess illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-Ligi a tenur tal-artikolu 167-170 tal-Kodici Tal-Procedura Civili (Kap 12) stante li il-fehma tal-Korporazzjoni attrici, s-socjeta' konvenuta m'ghandha ebda eccezzjoni x'taghti kontra t-talbiet tal-Korporazzjoni attrici u l-istanti qed jannetti affidavit hawn immarkati Dok "B" a tenur tal-istess artikolu tal-Kap 12 hawn fuq indikati.

Ghaldaqstant l-Korporazzjoni attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti b'dispensa ghas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikolu 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili;

2. Tikkundannaha thallas l-ammont ta' Lm8,910 rappresentanti bilanc ta' prezz fuq bejgh u konsenja ta' "diesel", zjut u "fuels" ohra fuq talba tal-istess socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 17 ta' Novembru, 1998 u bl-imghax midd-ata tal-konsejna sal-effettiv pagament.

Rat id-dikjarazzjoni tal-Korporazjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet** tas-socjeta' konvenuta a fol. 23 tal-process fejn eccepiet:

1. Preliminarlament, illi l-azzjoni attrici hija preskritta a termini tal-artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili (Kap.16);

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju, it-talbiet attrici, in kwantu diretti kontra s-socjeta' konvenuta huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta' konvenuta ma hiex responsabbli ghall-hlas tal-ammonti reklamati fic-citazzjoni. Talvolta tista' tkun is-socjeta' N.O.V.I.T.A. Construction Co. Ltd li hija responsabbli u s-socjeta' konvenuta qed tirriserva d-dritt li titlob il-kjamata fil-kawza taghha.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat ir-rikors a fol. 46 u risposta a fol. 49;

Rat il-verbal a fol. 50 li bih il-konvenuti talbu s-sostituzzjoni ta' l-Artikolu 2149(a) fl-eccezzjonijiet taghhom bl-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili;

Rat il-verbal a fol. 51 li bih il-konvenuti talbu li jaghtu eccezzjoni ulterjuri fis-sens li l-azzjoni hija kolpita bil-preskrizzjoni a termini ta' l-artikolu 2156(f);

Rat l-eccezzjoni ulterjuri a fol. 51;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill-Avukati difensuri jittrattaw:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Preskrizzjoni**

Il-konvenuti qed jeccepixxu l-preskrizzjoni a bazi ta' l-artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili ta' 18 il xahar ghall azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugha bl-imnut. Illi dana l-artikolu mhux applikabbili ghall-kaz in ezami billi l-bejgh in kwistjoni ma kienx wiehed bl-imnut, imma kien jinvolvi bejgh ta' kwantitajiet kbar ta' zjut diesel u fuels mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta. In-negozju ma kienx

limitat ghall-operazzjoni semplici ta' kompravendita kif ikun fil-kaz ta' bejgh bl-imnut imma kien jinvolvi negozju konsistenti dwar ammonti sostanzjali tal-prodott. (Ghad distinzjoni bejn bejgh bl-imnut u bejgh bl-ingrossa ara sentenzi Vol. X111 p 294 Attard vs Refalo; Vol. 21 p1 p 406; u App Superjuri Fenech vs Camilleri 18 ta' Jannar, 1993 u Dr.P.Fenech noe vs Medina Food 7 ta' Novembru, 1997).

Il-konvenuti eccepew ukoll il-preskrizzjoni a bazi ta' l-artikolu 2156(f) tal-Kap 12 ta' hames snin dwar azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali.

L-atturi pprezentaw kopja ta' ittra ufficjali datata 17 ta' Novembru, 1998 li giet notifikata lill-konvenuti fit-23 ta' Novembru, 1998.

Il-kawza giet prezentata fil-25 ta' Mejju, 2000.

L-ahhar *invoice* li harget u mhiex imhallsa hija datata 16 ta' Jannar, 1995, ghalhekk l-ittra ufficjali interrompiet tal-preskrizzjoni.

L-eccezzjonijiet preliminari dwar preskrizzjoni ghalhekk qed jigu michuda.

**Mertu**

Fil-mertu l-atturi qed ifittxu ghas-somma ta' Lm8,910 bilanc ta' prezz ta' fuel, diesel u zjut, ikkonsenjati lis-socjeta konvenuta. L-invoices huma datati 28 ta' Novembru, 1994, 19 ta' Dicembru,1994, 4 ta' Jannar, 1995, u 16 ta' Jannar, 1995: kollha indirizzati lill-Kalaxlokk Con. Co.

Il-konvenuti eccepew li t-talbiet attrici huma nfondati stante illi s-socjeta' konvenuta m' hiex responsabbli ghall-hlas tal-ammonti reklamati fic-citazzjoni u talvolta tista' tkun is-socjeta' N.O.V.I.T.A. Construction Co. Ltd li hija responsabbli. Is-socjeta' konvenuta rriservat id-dritt li

titlob il-kjamata fil-kawza taghha, izda fil-fatt dina l-kjamata fil-kawza ma saritx.

Edwin Mamo, Administration Manager mas-socjeta' konvenuta, xehed li wara 28 ta' Novembru, 1994, il-kumpanija konvenuta kienet ittiehdet mill-kumpanija NOVITA. Wara dika d-data l-invoices u l-kontijiet kienu jigu mghoddija u mhallsa minn NOVITA. Fil 28 ta' Novembru, 1994 hu kien kiteb lil Enemalta (Dok a fol. 39) u kien infurmahom li *"that as from today, 28th November 1994 at 0700hrs, NOVITA Construction Company Limited has taken over the Management, Operations and Administration of Kalaxlokk Company Limited. Hence you are to close all accounts in the name of Kalaxlokk Co.Ltd. With immediate effect, all orders are to be for the account of NOVITA Construction Company Ltd."*

L-*invoices* inkwistjoni kollha hargu wara dina d-data hlief li hemm wahda bl-istess data tat-28 ta' Novembru, 1994.

Ix-xhud qal li ma jiftakarx jekk l-atturi kienux irrispondew dina l-ittra. Hu qal li l-invoices ezibiti ma kienux marru ghand il-Kalaxlokk, probabilment baqghu ghand in-NOVITA. Hu kien ra dawn l-invoices l-ewwel darba meta ghaddihomlu l-avukat tal-kumpanija.

Skond Godfrey Scicluna, Assistant Finance Manager, prodott mill-atturi, xehed li kienu ilhom jipprovvdu dan ix-xoghol lill-konvenuti mill-1980. Dwar dawn l-invoices il-konvenuti kienu waqfu l-pagament billi qalu li kellhom xi problemi ma' kumpanija ohra. Hu ma jahsibx li l-konvenuti qalulhom biex jibghatu il-kontijiet lin-NOVITA. Wara xi zmien huma kienu anke baghtu l-kontijiet lin-NOVITA biex jaraw jekk ser ihallsuhom huma. Il-konvenuti kienu qalulhom bil-fomm li l-management ta' Kalaxlokk kien ser jiehdu n-NOVITA imma dana mhux fil-1994. Hu qal li qatt ma ra l-ittra li kienu baghtu l-Kalaxlokk. Fil-file m'ghandu ebda kopja ta' dina l-ittra.

**Tikkunsidra**

Illi mid-dokument ezibita a fol. 39 jirrizulta mhux kontradett li l-konvenuti kienu nfurmaw lill-atturi, mhux biss bil-fomm izda anke bil-miktub, li

*"that as from today, 28th November, 1994 at 0700hrs, NOVITA Construction Company Limited has taken over the Management, Operations and Administration of Kalaxlokk Company Limited. Hence you are to close all accounts in the name of Kalaxlokk Co.Ltd. With immediate effect, all orders are to be for the account of NOVITA Construction Company Ltd."*

Kull ordni wara t-28 ta' Novembru, 1994 kellha tohrog fuq isem NOVITA Con. Co. Ltd. Jirrizulta li l-*invoices*, li taghhom l-atturi qed jitolbu l-pagament, inhargu wara dina l-intimazzjoni u ghalhekk dawn suppost kienu dovuti minn NOVITA u mhux mill-konvenuti.

Edwin Mamo xehed, u ma giex kontradett, u l-*invoices* kienu spiccaw ghand NOVITA u kien sar jaf bihom biss meta nfethet dina l-kawza u l-*invoices* gew mghoddija lilu mill-Avukat tal-kumpanija konvenuta. Qabel hu kien jiehu hsieb dawn l-*invoices*.

Inoltre jirrizulta li l-atturi kienu baghtu dawn l-invoices lill-NOVITA biex jipprovaw jithallsu minghandhom.

Fil-kaz in ezami m'hemmx kwistjoni ta' debitu li ser jaghmel tajjeb ghalih debitur gdid, imma trasferiment ta' management, operations u administration minn kumpanija ghall ohra. Il-kumpanija l-gdida, li hadet over, f'dana l-kaz, Novita, kienet ser taghmel l-ordnijiet godda hi, wara it-28 ta' Novembru,1994, u mhux il-kumpanija li kienet originarment marbuta li taghmilhom, cjoe l-konvenuti.

Illi mill-provi prodotti l-intenzjoni li NOVITA tiehu over l-management u adminstration kienet cara u gie espressa fl-ittra imsemmija a fol. 39 u l-atturi kienu gew infurmat u accettaw li NOVITA jidhlu minflok il-konvenuti tant li huma kienu anke jibaghtu l-*invoices* lin-NOVITA ghalkemm fuq isem is-socjeta' konvenuta Kalaxlokk.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-ammont mitlub fic-citazzjoni mhux dovut mill-konvenuti.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi
Tichad it-talba attrici
Bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------